



6.9.2010

0065/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-regolamentazzjoni tat-togħmiet fil-Konvenzjoni Qafas għall-Kontroll  
tat-Tabakk

**Vincenzo Iovine**

Data ta' skadenza: 6.12.2010

0065/2010

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-regolamentazzjoni tat-togħmiet fil-Konvenzjoni Qafas għall-Kontroll tat-Tabakk**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tabakk huwa wieħed mill-prodotti l-aktar regolamentati u li l-katina Ewropea ta' produzzjoni sikwit ħadet sehem fil-kampanji ta' prevenzjoni u ta' informazzjoni biex jiġi skoraġġit l-użu tiegħu, l-aktar fost iż-żgħażaġħ,
- B. billi jinnotta li r-regolamentazzjoni dwar il-kompożizzjoni fil-Konvenzjoni Qafas se titfassal fuq dik approvata mill-gvern Kanadiż, ikkontestata fil-livell internazzjonali minħabba n-nuqqas ta' provi xjentifiċi, u tipprevedi l-projbizzjoni totali tat-togħmiet,
- C. billi fil-każ ta' approvazzjoni, wieħed jista' jistenna konsegwenzi gravi,
  - bħat-tqegħid fil-periklu tal-kultivazzjoni ta' żewġ varjetajiet ta' tabakk (Burley u Oriental), li tipprovdi impjieg għal persuni soċjalment żvantaġġati u
  - il-ksur tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ,
- D. billi jinsab imħasseb li l-ġlieda kontra t-tabakk tissottovaluta l-effetti negattivi li jkollha l-importazzjoni minn pajjiżi terzi fuq saħħet iċ-ċittadini tal-Unjoni,
  1. Jitlob biex jitqiesu l-konsegwenzi kkawżati mill-adozzjoni ta' dawn il-miżuri fil-kuntest ekonomiku u soċjali;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu dawn l-aspetti matul in-negozjati dwar il-Konvenzjoni Qafas;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.